**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 10 ta' Marzu, 2020,**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Eman Hayman)**
**Vs**
**OMMISSIS**

Kump Nru 710 / 2019

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Ommissis ta' 16 il-sena' detentur tal-karta ta l'identita 158703L**

U nakkuzah talli bejn l-20 ta' Novembru 2019 u 'l-21 ta' Novembru 2019 minn gewwa Haz Zabbar jew f'postijiet ohra f'dawn il-gzejjer

1. ikkometta serq ta' vettura b'numru ta' registrazzjoni ACE 274, liema serq huwa aggravat bil-valur liema ammont jeccedi iktar minn €2,329.37, bil-hin u bix-xorta tal'haga u dan ghad-dannu ta' Jamie Robinson u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta' Artikoli 261, 267, 270 u 271(g) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. laqgha ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament b'kull mod iehor indahal

biex ibieghhom jew jmexxijhom u dan bi ksur ta’ Artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta’ 2,500 Euro ghad-dannu ta' Jamie Robinson

U aktar talli nhar il-21 ta’ Novembru 2019 ghal habta ta’ bejn 1945hrs u 2200hrs gewwa Haz-Zabbar

4. saq vettura bi numru ta’ registrazzjoni ACE 274, ta’ ghamla Kymco MXU minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Art.15(1) (a) Kap.65

5. saq vettura bi numru ta’ registrazzjoni ACE 274, ta’ ghamla Kymco MXU minghajr ma’ kien kopert b’polza ta’ sigurta dwar ir-riskji ghat-terzi persuni. Art.3(1) Kap.104

6. naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe’ PS624 Keith Mallan u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) Tal-Kap 9 Tal-Ligjiet ta’ Malta.

U talli nhar il 25 ta’ Novembru 2019 ghal habta ta’ 2PM gewwa Haz Zabbar

7. inġurja, jew hedded, jew għamel offiza fuq il-persuni inkariġati skont il-ligi minn serviżż pubbliku u cioe L-Spettur Eman Hayman waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-serviżż, jew bil-ħsieb li jbezza jew li jinfluwenza fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-serviżż. U dan bi ksur ta artikolu 95 tal-Kap 9

8. naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta’ wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u cioe’ Spettur Eman Hayman, Spettur Oriana Spiteri, PS31 Mario Farrugia, PC858 Justin Axisa u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(ee) Tal-Kap 9 Tal-Ligjiet ta’ Malta.

9. U aktar talli ‘kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta’ probation, moghtija mill-Qorti ta’ Malta bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali mill-Magistrat Dr Ian Farrugia LLD, nhar il 23 ta’ Awwissu 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew mhassra.

F’kaz ta htija l-Qorti hija mitluba titrata lil Ommissi bhala persuna recediva meta gie is-sentenzjat mil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definitivi u ma jistax jigu mibdulha u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Ommissi sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-deposizzjonijiet tax-xhieda mressqa f’dan il-procediment;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Illi in tema ta' piena/sanzjoni l-Qorti qieset id-deposizzjonijiet tal-Probation Officer Marilyn Attard minfejn johorgu dettalji important li ghandhom jicidu fuq l-ahjar sanzjoni indikata ghall-imputat.

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 37, 49, 50, 95, 261, 267, 270, 271G, 325, 334, 338(EE) IKOLLTAL-KAP.9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, L-ARTIKOLU 15(1)(A) TAL-KAPITOLU 65, L-ARTIKULU 3(1) TAL-KAPITOLU 104 U L-ARTIKOLU 7 TAL-KAP 446 issib:**

A. lill-imputat mhux hati ta' 2 imputazzjoni, dik ta' ricettazzjoni, stante li din hija akkuza alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni; izda

B. issibu hati, bhala recidiv, u fuq ammissjoni tieghu stess, tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah bil-mod segwenti:

    1. dwar l-akkuza numru 9, fejn l-imputat ikkommetta reat u gie li kiser l-ordni ta' probation imposta fuqu b'sentenza ta' 23/8/2019, u allura ghar-reati moghtija originarjament f'dawk il-proceduri, **ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija**; u

    **2.** dwar l-akkuzi l-ohra kollha (hlief naturalment ghall-akkuza numru 2), tordna li **Ommissis** jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal-zmien tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation*, bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation, **u bil-kundizzjoni specifika li Ommissis ghandu jibda, isegwi u jtemm b'success programm residenzjali ta' riabilitazzjoni, indikat u mfassal mill-ufficjal tal-probation.**

Dan l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-importanza ta' din l-ordni u wissietu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur *Probation and Parole*.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur